ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

---

**Minuti tat-13-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's**

It-13-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar it-Tnejn, 23 ta' Mejju, 2011.

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-Chairperson is-Sur Norman Clews, is-Sur Luciano Farrugia u s-Sur Joe Agius. Is-Sur Mario Bartolo kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tat-tnax-il laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Farrugia semma l-ittra li l-Kumitat kien irċieva minn Trasport Malta bħala risposta għall-ilmenti li l-Kumitat kien ressaq dwar il-*bus shelter* li twaħħal fi Triq San Leonardu. Is-Sur Farrugia ppropona li ssir talba biex jiltaqa' personalment ma' uffiċjal ta' Transport Malta responsabbli minn dawn il-*bus shelters*. Is-Sur Clews issekonda l-proposta tas-Sur Farrugia u l-Kumitat qabel unanimament li ssir din il-laqgħa.

Is-Sur Agius tkellem dwar it-*traffic island* ta' Triq San Leonardu u talab li din it-*traffic island* tiġi spustjata fl-iqsar żmien possibli.

Is-Sur Farrugia reġa' semma l-periklu li hemm għall-*pedestrians* minħabba l-entratura ta' Triq l-Għakrux u ppropona li jekk kemm il-darba l-entratura ma tistax tiġi rranġata fil-futur qrib minħabba twessieħ tat-triq, esproprazzjoni eċċ, il-Kumitat għandu jikkonsulta mar-residenti biex jikkunsidra li din l-entratura ssir *one way*. Is-Sur Clews issekonda l-proposta tas-Sur Farrugia u l-Kumitat qabel unanimament li jibgħat ittra lir-residenti ta' din iż-żona biex l-entratura ta' Triq l-Għakrux issir *one way* u l-vetturi li jkunu ħerġin minn Triq l-Għakrux iduru għal Triq is-Sebellika minflok joħorġu minn maġenb it-*traffic island* ta' Triq l-Għakrux.

Is-Sur Farrugia semma l-laqgħa li l-Kumitat Amministrattiv kellu mal-Ispettur tad-Distrett Fabian Fleri u qal li l-ilmenti li ġew diskussi matul din il-laqgħa baqgħu ma ġewx indirizzati. Is-Sur Farrugia semma b'mod partikolari l-problema ta' ipparkjar bl-addoċċ li qed isir fi Triq ix-Xgħajra kantuniera ma' Triq Alessio Erardi. Is-Sur Farrugia talab li dawn l-ilmenti jerġgħu jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Ispettur Fleri.

Is-Sinjura Debattista saħqet dwar il-ħtieġa li jinqatgħu l-qasab li hemm mal-ġenb ta' Triq iż-Żarżarell peress illi dawn qed joħolqu diffikulta, speċjalment għas-sewwieqa.

Is-Sur Clews ippropona li terġa' tinkiteb ittra lis-Sur Carmelo Abela, Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kumitat jerġa' jressaq il-punti li ġew diskussi fil-laqgħa li saret bejn iż-żewġ partijiet.

<u>Item 4- Korrispondenza</u>

Dwar il-korrispondenza relatta mal-istemma uffiċjali għall-Kumitat, is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz ta' din l-istemma li sar mis-Sur Karmenu Bonavia. Fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mill-Viċi-Chairperson, il-Kumitat Amministrattiv approva unanimament din l-istemma u qabel li din tintbgħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

Fuq proposta taċ-Chairperson li ġiet issekondata mill-Viċi-Chairperson, il-Kumitat approva unanimament ir-Rapport Finanzjarju ta' kull kwart għall-perjodu Ottubru – Diċembru 20101 u Jannar – Marzu 2011.

<u>Item 5 – Affarijiet mill-Minuti</u>

Iċ-Chairperson talbet li ssir pressjoni mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex tiġi mgħoddija linja ta' *street lighting* fi Triq Patri Feliċjan Grech biex tkun tista' titwaħħal bozza ġdida f'din it-triq.

Is-Sur Farrugia semma l-ħtieġa li jsir *resurfacing* ta' Triq il-Werżieq peress illi din it-triq jeħtiġilha wiċċ ġdid u mhux *patching*. Is-Sur Farrugia ppropona li tintalab stima mill-perit tal-Kunsill għal dan ix-xogħol. B'referenza għall-allokazzjoni finanzjarja tal-Kumitat, is-Sur Clews semma l-fatt li hemm responsabilitajiet li mhux qed jiġu kkunsidrati fl-allokazzjoni fosthom l-assigurazzjoni ta' proprjeta pubblika. Is-Sur Clews talab li titħejja lista ta' dak li fl-opinjoni tal-Kumitat qed jiġi eskluż mill-allokazzjoni. Is-Sur Farrugia ssekonda l-proposta tas-Sur Clews u l-Kumitat qabel unanimament.

Iċ-Chairperson talbet li jinqata' l-ħaxix mit-toroq ta' St Peter's biex iż-żona kollha tinżamm fi stat nadif.

Is-Sur Clews semma l-ħtieġa li ssir bankina fi Triq San Leonardu minn faċċata tal-Qasam tad-Djar sa Sqaq Alessi. Is-Sur Clews ppropona li ssir stima biex isir dan ix-xogħol. Is-Sur Farrugia ssekonda l-proposta tas-Sur Clews u l-Kumitat qabel unanimament li ssir din l-istima.

Fl-aħħarnett is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat Amministrattiv illi x-xogħol fuq it-*traffic island* ta' Triq San Leonardu kif ukoll il-*flower bed /verge* ta' maġenb il-*pitch* tal-boċċi ser isiru matul il-ġimgħat li ġejjin.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-erbatax-il laqgħa li saret nhar it-Tlieta, 14 ta' Ġunju, 2011.

Marie Elena Debattista
Chairperson